MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-26 ta' Lulju, 2010

Appell Kriminali Numru. 175/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Mariano Pirrone**
***… omissis …***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Mariano Pirrone (u persuna ohra) talli:

(1) gewwa l-Qawra, nhar-is 27 ta’ Dicembru 2007 ghall-habta ta’ nofsinhar (12:00hrs), akkwistaw, kellhom fil-pussess taghhom ghal liema ghan ikun, zammew jew importaw arma regolari, u cioe` pistola tal-marka Bruni minghajr numru tas-serje, u l-munizzjon elenkati fl-iskeda I ta’ l-Att Dwar l-Armi Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(2) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi zammew f’xi fond jew kellhom fil-pusess taghhom, taht il-kontroll taghhom jew garrew barra minn xi fond jew fid-dintorni tieghu armi tan-nar u cioe` pistola tal-marka Bruni minghajr numru tas-serje, u munizzjon elenkati fl-Iskeda II ta’ l-Att Dwar l-Armi Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta minghajr ma kellhom licenzja taht l-imsemmi Att Dwar l-Armi, u dan bi ksur ta’ l-artikolu 5(1) ta’ l-Att Dwar l-Armi Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(3) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt li kienu qed jigu arrestati ghal delitt, kellhom fuq il-persuna taghhom xi arma regolari jew munizzjon, jew xi imitazzjoni ta’ dawk l-oggetti;

(4) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi naqsu li javzaw lill-Kummissarju tal-Pulizija minnufih meta akkwistaw jew giet f’idejhom arma tan-nar jew munizzjoni xort’ohra milli ghax kellhom licenzja;

(5) saru recidivi b’sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) u Qorti ta’ l-Appell Kriminali, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu;

Rat in-nota ta’ rinviju ghall-gudizzju ta’ l-Avukat Generali tat-28 ta’ Marzu 2008 li permezz taghha l-Avukat Generali ddikjara li billi jidhirlu illi mill-kumpilazzjoni tal-provi tista’ tinsab htija (jew htijiet) kontra l-imsemmi Mariano Pirrone taht dak li hemm mahsub (1) fl-artikoli 3(a), 5(1), 41, 45, 51, 56, 57 u 61 tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta’ Malta, (2) fl-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u (3) fl-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-13 ta’ April 2010 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Mariano Pirrone hati tar-reati kontemplati fl-artikoli 3(a), 5(1), u 41 tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta’ Malta izda mhux hati tar-reat kontemplat fl-artikolu 45 ta’ l-istess Kap. 480 u minnha lliberatu, u kkundannatu sitt xhur prigunerija u multa ta’ tliet mitt euro (€300) li ghandha tithallas fi zmien tliet xhur u f’nuqqas ta’ hlas fiz-zmien prefiss, il-multa tigi konvertita f’sitta u

ghoxrin gurnata prigunerija. Inoltre gie kkundannat ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' hamsin euro u tmien centezmi (€50.08) rapprezentanti nofs l-ispejjez konnessi mal-hatra ta' esperti, liema hlas ghandu jsir fi zmien tliet xhur. Ai termini ta' l-artikolu 57 tal-kap. 480, l-imsemmi Mariano Pirrone gie projbit milli jkollu kwalunkwe licenzja taht l-imsemmi Kap. 480 ghal perijdou ta' hames snin, u ai termini ta' l-artikolu 56 ta' l-istess Kap. 480 ordnat il-konfiska u d-distruzzjoni, a karigu tar-registratur, ta' l-arma u l-munizzjon esebiti bhala Dok. DZ5;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Mariano Pirrone pprezentat fit-23 ta' April 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fl-intier taghha, tvarja l-piena inflitta billi timponi piena aktar ekwa u gusta ghall-fattispeci tal-kaz;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Dan huwa appell mill-piena peress illi l-appellant isostni li l-piena nflitta kienet wahda eccessiva. Jghid illi l-ewwel Qorti ma tatx l-importanza mehtiega lill-aspett riformattiv. Fir-rikors ta' appell jirreferi ghal pronunzjamenti tal-Qrati taghna fejn persuni nghataw opportunita` sabiex jirriformaw ruhhom. Waqt is-seduta d-difensur tieghu sahqet illi l-appellant kien f'kuntatt ma' l-ufficjal tal-probation John Testa li nfurmaha dwar il-progress li ghamel l-appellant f'hajtu. Ghalkemm jidher li l-imsemmi John Testa kien prezenti l-Qorti xi hin fil-gurnata tad-19 ta' Lulju 2010, meta ssejjah ma deherx.

Da parti tal-prosekuzzjoni pero` gie sottomess illi hija l-ligi stess li tipprekludi l-applikazzjoni ta' trattament jew pieni alternattivi. Din il-Qorti, wara li ezaminat il-provvedimenti tal-ligi rilevanti, issib li l-prosekuzzjoni ghandha ragun.

L-appellant instab hati tar-reati kontemplati fl-artikoli 3(a), 5(1) u 41 tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta. L-artikolu 61 ta' dan l-Att jipprovdi:

**"61. Id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar il-*Probation*, u ta' l-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali ma jkunu japplikaw ghal ebda reat kontra xi disposizzjoni ta' dan l-Att."**

L-artikolu 51(1)(a) tal-Kap. 480 imbaghad jipprovdi illi kull min jikser l-artikolu 3 jista', meta jinsab hati, jehel "jekk il-htija tkun dwar arma regolari, prigunerija minn tliet xhur sa ghaxar snin". U f'dan il-kaz kien hemm arma regolari nvoluta (minbarra munizzjon). Inoltre skond l-artikolu 51(1)(b) ta' l-istess Kap. 480, kull min jikser l-artikolu 5(1) jista', meta jinsab hati, jehel prigunerija ghal zmien mhux inqas minn tliet xhur u mhux izjed minn hames snin, u l-*provisos* mhumiex applikabbli ghall-kaz. Jigifieri fil-kaz odjern, anke fir-rigward tal-ksur ta' l-artikolu 5(1) il-piena tassattiva hi dik ta' prigunerija.

Gie suggerit mid-difiza li setghet tigi applikata sentenza sospiza ta' prigunerija. Izda hawn ukoll id-difiza m'ghandhiex ragun peress illi l-appellant instab hati wkoll illi huwa recidiv skond l-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Difatti, skond l-artikolu 28A(7) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ordni bis-sahha tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 28A li permezz tieghu sentenza ta' prigunerija tigi sospiza, "ma ghandux isir … (b) meta l-ikkundannat ikun recidiv fit-termini ta' l-artikolu 50" ta' l-istess Kap. 9.

Konsegwentement l-appell ma jistax jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata b'dan illi l-perijodu ghall-hlas tal-multa u ta' nofs l-ispejjez ta' l-esperti jibda jiddekorri millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------